**299. L-Onor. George W Vella jipproponi:-**

Billi l-Gvern ħareġ stqarrija mimlija akkużi qawwija, mhux ġustifikati u intimidatorji fir-rigward tal-*Ombudsman* u dan bi tweġiba għal ilmenti dokumentati magħmula mill-*Ombudsman* dwar kif qed jiġi trattat 1-uffiċju tiegħu min-naħa tal-gvern, speċjalment meta skond il-liġi li tiddefinixxi r-rwol tiegħu, hu jkun wasal għal deċiżjonijiet dwar każi mressqa lili miċ-ċittadini;

Billi f'demokrazija moderna 1-aġir tal-gvern meta tratta b'dan il-mod arroganti u intimidatorju lill-*Ombudsman*, JAMMONTA ghal vjolenza morali u politika, JIKKOSTITWIXXI attakk dirett fuq istituzzjoni li twaqqfet ħalli tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini mill-prepotenza ta' min ikun qed imexxi 1-Istat, u JIKKOSTITWIXXI għalhekk theddida lill-istess demokrazija;

Billi l-materja li dwarhom tkellem 1-Ombudsman u li dwarhom il-Gvern irreaġixxa bil-vjolenza morali u politika msemmija, kellhom x'jaqsmu fost oħrajn

- ma' preferenzi f'ħatriet tal-armata,
- mat-trattament diskriminatorju tas-Sur Tarcisio Mifsud imqabbel mat-trattament mogħti lis-Sur Richard Cachia Caruana,

• ma' kif agenziji tal-gvern qed jirnexxilhom jonfqu flejjes pubblici minghajr ma jissottomettu rwiehhom ghal kontrolli serji fuq in-nefqa taghhom,

• u ma' kif il-Parlament mhuwiex jaghti kunsiderazzjoni xierqa ghar-rapporti tal lkollha kwestjonijiet ta[l] 1-aqwa importanza li urgentement mhuwiex fl-interess li jibqghu jigu injorati;

Billi l-Ombudsman huwa uffiċjali maħtur b'kunsens minn dan il-Parlament u jirrapporta direttament lill-Parlament permezz tal-lspeaker, u

- billi fl-ahhar jiem, 1-Ombudsman ma nghata, kif kien xieraq, 1-ebda hajt tal kenn mill-President ta' din il-Kamra, hekk li issa 1-agir tal-gvern jista' facilment ifisser li uffiċjali oħra ta' dan il-Parlament – bħall-Iskrivan tal-Kamra u bħall-Awditur Ġenerali – se jsiru huma wkoll il-mira għal attakki intimidatorji oħra:

Għalhekk, il-KAMRA turi s-solidarjetà tagħha mal-Ombudsman u l-uffiċjali l-oħra kollha li fil-kargi tagħhom jirrispondu direttament lil dan il-Parlament.

20.09.2002